



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0258/2012, imressqa minn Walter Fischer, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-inċineraturi

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jiddikjara li, fil-Ġermanja, bosta produtturi tal-asfalt qed jużaw it-trab tal-faħam kanella minflok il-gass naturali. It-trab tal-faħam kanella żgur li jiswa inqas, iżda huwa jiffa' iktar CO₂. Jeżistu regoli Ġermaniżi stretti li jirregolaw b'mod partikolari l-emissjonijiet ħżiena ta' kubrit u ta' ossidi mħallta tan-nitroġenu, iżda s-CO₂ mhux ikkunsidrat bħala gass li jagħmel il-ħsara. Dawn l-emissjonijiet huma biss regolati fil-livell Ewropew (Direttiva 2003/87/KE) u biss għall-impjanti b'saħħa ta' iktar minn 20 megawatt. Il-petizzjonant jitlob sabiex jiġu inklużi wkoll l-impjanti li jkollhom saħħa inqas minn 20 megawatt fir-regolamentazzjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet tas-CO₂. Skont hu, din ir-regolamentazzjoni għandha tiġi emendata minnufih, minħabba li l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent ma kellhomx is-suċċess mixtieq.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ntabet tagħti informazzjoni skont l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura.

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.

Huwa korrett li tgħid li l-installazzjonijiet tal-kombustjoni b'input termali totali ta' inqas minn 20 MW mhumiex inklużi awtomatikament fl-UE ETS. Madankollu, jekk Stat Membru ikun jixtieq li jagħmel dan jista' jiddeċiedi li jinkludi installazzjonijiet ta' dan it-tip.

L-UE ETS attwalment fiha madwar 12 000 installazzjoni. Huma jirrapreżentaw firxa kbira ta' emittenti b'emissjonijiet annwali li jvarjaw minn inqas minn 10 000 tCO₂ (madwar. 5 000

installazzjoni) għal aktar minn 5 000 000 (madwar. 5 000 installazzjoni). Il-kontribut ta' emittenti żgħar u kbar għall-emissjonijiet globali koperti mill-UE ETS ivarja ferm: pereżempju, l-akbar installazzjonijiet (7%) fl-UE ETS jirrapreżentaw madwar 82% tal-emissjonijiet totali, filwaqt li l-iżgħar installazzjonijiet (41%) huma responsabbli biss għal 0.6% (ara r-Rapport taż-ŻEE "Applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet mill-Istati Membri tal-UE - rapport għas-sena 2008", disponibbli minn: http://www.eea.europa.eu/publications/technical_report_2008_13¹

F'dan l-isfond, l-ispejjeż amministrattivi għall-installazzjonijiet stazzjonarji b'inqas minn 20 000 tonnellata ta' CO₂ kull sena li jipparteċipaw fl-ETS (i.e. spejjeż relatati mal-monitoraġġ, rappurtar u verifika) jidhru għoljin u għal emittenti verament żgħar (inqas minn 5 000 t/CO₂ kull sena) jeċċedu l-l ewro għal kull tonnellata ta' CO₂ kull sena. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew bħala leġiżlaturi Ewropej iddeċidew, matul ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjoni fl-2008, li ma jbaxxux il-kriterji ta' limitu ta' 20 MW f'kapacià ta' input termali u barra minn hekk li jippermettu lill-Istati Membri li jħallu barra emittenti żgħar b'inqas minn 25 000 tCO₂ kull sena sakemm jistabbilixxu miżuri ekwivalenti li jiżguraw il-kontribut ta' emittenti żgħar li tħallew barra mill-UE ETS fl-oġettivi ta' tnaqqis ġenerali ta' emissjoni tal-UE mill-Istati Membri.

Hu importanti li niftakru li l-emissjonijiet kollha ta' CO₂ minn installazzjonijiet stazzjonarji bħal dawk imsemmija fil-petizzjoni jkunu indirizzati sabiex ikun żgurat il-kontribut tagħhom għall-oġettiv ta' tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet tal-UE. L-emissjonijiet ta' CO₂ li ma jkunux koperti mill-UE ETS jeħtieġ ikunu indirizzati permezz ta' miżuri nazzjonali meħuda mill-Istati Membri sabiex jilhqqu l-impenn tagħhom skont id-Deċiżjoni dwar il-Qsim tal-Isforz, li permezz tagħha l-Ġermanja hi impenjata li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra inklużi emissjonijiet ta' CO₂ li ma jiġux minn sorsi li jaqgħu taħt l-UE ETS b'16% meta mqabbla mal-2005 bħala kontribut għall-oġettiv ta' tnaqqis ġenerali ta' 20% ta' emissjonijiet tal-UE. Minħabba l-ispejjeż involuti biex jintlaħqu l-oġettivi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet, l-Istati Membri huma, madankollu, liberi li jagħżlu l-mezzi l-aktar kosteffikaċi u effiċjenti.

Konklużjoni

Wieħed jista' għalhekk jgħid li mill-perspettiva Ewropea, l-installazzjonijiet kollha inklużi dawk imsemmija fil-petizzjoni qed jikkontribwixxu biex inaqqsu b'mod ġenerali l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra tal-UE bi qbil mal-oġettivi ta' tnaqqis tal-UE.

¹ Minkejja l-fatt li dawn iċ-ċifri jiddeskrivu s-sitwazzjoni fl-2008, m'hemm l-ebda raġuni li twassalna nassumu li dawn iċ-ċifri inbidlu b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien.